8 ta' Novembru, 1948.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*.

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Giuseppa Bonanno *versus* Francis Scerri

**Retratt — Spejjeż Leġittimi — Kustodja tal-Fond Irkuprat.**

*Ir-retrattarju jista' jkollu kumpens talli jkun indokra l-post sakemm ġie eżerċitat l-irkupru ta' dak il-post kontra tiegħu.*

*Dan il-kumpens ma huwiex limitat sa meta ġiet preżentata ċ-ċedola ta' l-irkupru, imma għandu jkun dovut sal-ġurnata meta r-retrattarju ma jkollux aktar raġuni tajba biex ma jersaqx għar-riven-dizzjoni.*

*Imma min-naħa l-oħra dan il-kumpens għandu jkun proporzjonat għall-valur tal-ħaġa indukrata u ma jistax jiġi likwidat f'ammont ugwali jew superjuri għall-valur ta' dik il-ħaġa.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi talbet li, peress illi b'sentenza tal-Qorti Ċivili Prim'Awla tal-Maestà Tiegħu tal-15 ta' Jannar 1948, ġie dikjarat validu l-irkupru eżerċitat minnha kontra l-konvenut biċ-ċedola numru 351 tal-15 ta' Marzu 1947 għall-akkwist ta' nofs indiviż tal-għalqa msejħa "tal-Għasieli", li qiegħda l-Kalkara, Triq il-Kappuċċini, tal-kejl superfiċjali l-intiera ta' 347 qasba kwadri ċirka, u tmiss mit-tramuntana ma' proprjetà tan-Nobbli Sinjura Adelaide Sant Testaferrata, mill-punent ma' biċċa mill-istess għalqa ta' proprjetà ta' l-eredi ta' Carmelo Pace, u mill-lvant ma' beni ta' Giuseppe Chetcuti; u peress li l-konvenut qiegħed jippretendi, bħala spejjeż leġittimi minnu magħmula, ammont aktar milli ġew minnha depożitati favur tiegħu bl-imsemmija ċedola sabiex il-konvenut jagħmel il-meħtieġa rivendizzjoni; wara li jkunu premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, tiġi likwidata minn dina l-Qorti s-somma li ħaqqu l-istess konvenut skond il-liġi għall-ispejjeż minnu magħmula in okkażjoni tax-xiri tal-post irkuprat minnha; u wara li ssir dina l-likwidazzjoni, u reintegrat minnha, jekk ikun hemm lok, id-depożitu neċessarju, il-konvenut jiġi kundannat jirrivendi u jirrilaxxja favur tagħha, fi żmien qasir li jiġi lilu prefiss, il-fond fuq imsemmi; billi r-rivendizzjoni tiġi operata bis-saħħa ta' l-istess sentenza jekk il-konvenut jonqos fiż-żmien li jiġi hekk lilu prefiss għall-istess ħaġa. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-3 ta' Mejju 1948, li biha ġie ordnat lill-attriċi fi żmien għaxart ijiem tid-depożita favur ir-retrattarju s-somma ta' £13. 1. 1¾, u ġie dikjarat li wara li jsir dana d-depożitu l-konvenut għandu jirrilaxxja l-fond fi żmien tmint ijiem fuq u oltre ż-żmien imsemmi; u kwante volte ma jirrilaxxjax, ġiet dikjarata per mezz ta' dik is-sentenza operata r-rivendizzjoni; bl-ispejjeż nofs għall-attriċi u nofs għall-konvenut; u fin-nuqqas li jsir dak id-depożitu fit-terminu fuq espress ta' għaxart ijiem, it-talba ġiet miċħuda, bl-ispejjeż f'dina l-ipotesi għall-attriċi; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Li bis-sentenza mogħtija minn dik l-istess Qorti fl-ismijiet fuq imsemmija, tal-15 ta' Jannar 1948, l-irkupru ta' l-attriċi ġie dikjarat validament eżerċitat...........;

Illi skond il-verbal tat-28 ta' April 1948, l-attriċi per mezz tad-difensur tagħha tammetti l-partiti hemm indikati u pretiżi mill-konvenut; u ċjoè :—

1. Erbgħa liri (£4) taċ-ċens;...........;

*Omissis;*

Illi hemm kwistjoni oħra li ġiet sollevata mill-konvenut, li qiegħed isostni li huwa għandu jdaħħal minn għand l-attriċi bħala spejjeż utili u neċessarji l-kumpens li jidhirlu li ħaqqu talli għasses il-għalqa in kwistjoni meta kienet taħt idejh, kumpens li jaxxendi għas-somma mhux indifferenti, di fronti għall-valur tal-post li jiswa £15. ta' £51;

Illi l-konvenut issolleva l-kwistjoni li ħaqqu xi ħaġa talgħassa li għamel sabiex is-siġar u materjali tal-kamra mwaqqa' bil-gwerra, tal-fond in kwistjoni, ma jiġux misruqa; il-għaliex wara li xtraha kien ġie lilu misruq travu;

Huwa minnu li fost l-ispejjeż leġittimi jistgħu jidħlu l-ispejjeż tal-kustodja tal-post kontra l-ħallelin (ara Corradino, "De Jure Praelationis", Questione 5, paragrafu 34); imma dawn l-ispejjeż ma għandhomx, fil-ħsieb ta' dik il-Qorti, joħorġu barra miż-żmien lil hinn min-notifika taċ-ċedola. Infatti sa dak iż-żmien il-konvenut kien ġustifikat jgħasses ħwejġu; imma wara dak iż-żmien, jekk huwa naqas milli jirrivendi, dik l-ispiża kienet a riskju tiegħu. Infatti, kieku ma kienx hekk, it-retrattarju jkun jista' jtawwal kemm irid u b'hekk ikabbar il-kumpens tiegħu b'mod, kif jidher li ġara fil-każ in eżami kieku kellha tiġi aċċettata t-teżi konvenuta "in toto", li l-kumpens ikun jissupera bil-bosta l-valur ta' l-istess fond irkuprat—dak li dik il-Qorti mhix lesta biex takkolji. Del resto, il-bwona fede tar-retrattarju tispiċċa meta ċ-ċedola lilu tkun ġiet lilu notifikata u in segwitu l-oppożizzjoni tiegħu għall-validità ta' l-irkupru tiġi dikjarata ineffikaċi;

Illi l-bejgħ li ta lok lir-retratt sar fis-6 ta' April 1946; iċ-ċedola ta' l-attriċi ġiet preżentata fil-15 ta' Marzu 1947 u notifikata fis-27 ta' Marzu 1947; u kwindi l-kumpens li ħaqqu l-

konvenut għall-kawżali allegata huwa għaż-żmien mill-25 ta' April 1946 (minnu indikat) sas-26 ta' Marzu 1941, li skond il-kalkolu li għamel huwa stess jammonta għal £5. 10. 0;

Illi kwindi l-konvenut ħaqqu bħala spejjeż leġittimi u utili u neċessarji dawn is-somom :—

(a) £15 għal prezz ;

*Omissis;*

(d) £5. 10. 0 għases għall-perijodu msemmi fuq;

*Omissis;*

Total dovut £33. 2. 9;

Illi peress li l-konvenut il-lum iddikjara li sejjer iżomm il-frutti, ma għandux dritt għall-imgħax;

Illi minn dana l-ammont ta' £33. 2. 9 trid tinqata' s-somma..........., b'mod li l-attriċi jibqgħalha tirreintegra d-depożitu tagħha billi tqiegħed il-Qorti l-bilanċ ta' £13 1. 1½;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, fis-sens li jiġi lilu aġġudikat bħala kumpens tal-għassa li hu għamel fl-għalqa in kwistjoni mhux biss sal-ġurnata li ġie notifikat biċ-ċedola ta' l-irkupru, iżda sal-ġurnata li ssir ir-rivendizzjoni; u għal dana l-oġġett tiġi likwidata somma ġusta u ekwa, u kwindi l-ammont ta' £13. 1. 1½ li l-Ewwel Qorti ordnat lill-attriċi biex tiddepożita in aġġunta u reintegrazzjoni ta' l-ewwel depożitu jiġi awmentat ma' dak li nqtal fuq; u l-imsemmija sentenza tiġi konfermata a rigward il-partiti l-oħra kollha, iżda riformata wkoll dwar il-kap ta' l-ispejjeż, fis-sens illi l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu a kariku esklużiv ta' l-attriċi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-appell huwa limitat għall-kap relativ għall-kumpens tal-għassa li l-appellant għamel fl-għalqa rkuprata, billi jippretendi li huwa ħaqqu dak il-kumpens mhux biss sa dak in-nhar li ġie notifikat biċ-ċedola ta' l-irkupru, kif ġie ritenut bis-sentenza appellata, iżda sa dak in-nhar tar-rivendizzjoni. Dak l-appell ġie anki estiż għall-kap ta' l-ispejjeż kif regolati mill-Ewwel Qorti;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant ma hux obligat jagħmel favur l-appellat ir-rivendizzjoni tal-fond irkuprat qabel ma jkun ġie mħallas ta' l-ispejjeż kollha meħtieġa u utili magħmulin għal dak il-fond (art. 1493 u 1503 tal-Kodiċi Ċivili). Dak il-ħlas għadu ma sarx, billi fid-depożitu magħmul mill-appellata (fol. 5) ma ġewx imdaħħlin l-ispejjeż kollha; u għalhekk l-appellant ma kienx fl-obligu li jagħmel ir-rivendizzjoni. U billi dik ir-rivendizzjoni għadha saretx, mhux imħabba ħtija imputabili lill-appellant, il-kumpens lilu dovut talli għamel l-għassa lill-għalqa ma setax jiġi limitat sal-ġurnata tan-notifika taċ-ċedola ta' l-irkupru, iżda għandu jibqa' sejjer sa dak in-nhar li huwa ma jkollux raġuni tajba biex ma jersaqx għar-rivendizjoni. Min-naħa l-oħra, dak il-kumpens għandu jkun proporzjonat għall-valur tal-ħaġa mgħassa, u ma jistax ikun ġust u ekwu li l-imsemmi kumpens jiġi likwidat f'ammont ugwali jew superjuri għall-valur tal-ħaġa ndukrata;

Għalhekk il-Qorti tillikwida £4. 10 .0 oħra, oltre dawk likwidati mill-Ewwel Qorti, għall-kumpens fuq imsemmi sal-ġurnata tar-rivendizzjoni ordnata b'din is-sentenza;

Illi kwantu għall-kap ta' l-ispejjeż, din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tħassar ir-regolament magħmul mill-Ewwel Qorti, speċjalment imħabba l-pretensjonijiet eżaġerati akkampati mill-appellant;

Għaldaqshekk;

Tilqa' l-appell biss fis-sens li tillikwida fi £17. 11. 1½ is-somma li, skond is-sentenza appellata, għandha tiġi depożitata favur ir-retrattarju, b'dana li t-terminu ta' għaxart ijiem prefiss b'dik is-sentenza għandu jibda jgħaddi mil-lum. L-ispejjeż ta' din l-istanza għandhom jiġu sopportati kwantu għal żewġ terzi (2/3) mill-appellant u kwantu għal terz (1/3) mill-appellata. U biss fis-sens fuq imsemmi tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fit-3 ta' Mejju 1948.